**KunsillLokali –ISLA– Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA**

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

28 **ta' Jannar 2020**

Il-Kunsilli Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, fil- 5:30pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia – Viċi Sindku
Joline Attard – Kunsillier
Malcolm Gatt – Kunsillier
Corinne Buhagiar _ Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

**Nil**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

☎: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 10 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **10.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **10.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 10.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 09 tqassmet lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew provduti kopji fuq il-mejda tas-seduta. |
| 10.2.2 | Il-Kunsilliera preżenti irċievew il-minuti tas-Seduta Numru 9, fejn ma kienx hemm korezzjoni. Il-Minuti numru 9 ġew approvati mil-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u ġew issekondti mil-kunsillier is-sur. Malcolm Gatt. |
| **10.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 10.3.1 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti sabiex tintalab l-approvazzjoni formali tal-kunsill biex issir ġemelaġġ mas-Serbia. Il-kunsillier Malcolm Gatt ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mill-kunsilliera Corinne Buhagiar, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ġemelaġġi bejn il-kunsill Lokali tal-Isla u s-Serbia, bir-riżultat ikun favur nem. con. |
| 10.3.2 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li s-sinjorina Rita Vella mill-PA infurmat lil kunsill li dwar il-*Play Area* trid tinħareġ *full application* fejn bagħtet imejl fl-10.01.2020. |
| 10.3.3 | Is-Sindku ikkomunika mal-Kunsilliera preżenti li fl-10.01.2020 bagħat imejl lil Viċi Sindku u lil kunsilliera dwar *weekend break* li ser issir mis-27 – 29 ta' Marzu 2020 ġewwal- Pebbles Hotel San Pawl il-Baħar, il-kunsilliera ikkonfermaw dan. |

| | |
|---|---|
| 10.3.4 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li minn din is-sena 2020 minn barra accountant u avukat irrid ikun hemm persuna oħra bħala evaluator u persuna oħra bħala chairperson iżda ma jridx ikun involut fil-kunsill lokali bħala kunsillier għalhekk għat-tenders li ħerġin ser ikun hemm evalwatur Segretarju Eżekuttiv tal-Qrendi is-Sur Christopher Falzon u Chair Person is-Sinj. Elaine Caruana Segretarju Eżekuttiv tal-Kalkara, l-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante u l-avukat Dott. Mark Muscat u s-Segretarju li hija s-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill Lokali tal-Isla li hija is-Sinj. Graziella Gellel fejn is-segretarju tat-tenders u c-chairperson għal dawn il-kuntratti ma jkollhomx vot |
| 10.3.5 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar ittra datata 15 ta Jannar 2020 minn għand Senglea Drama Group sabiex il-Kunsill lokali jikkolabora magħhom biex jiġi ippublikat fuljett dwar dramm tal-passjoni *Ħtija Tiegħi* nhar is-Sibt 4 u l-Ħadd 5 t' April 2020 fis-sede . Il-Kunsilliera ikkonfermaw li jikollaboraw dwar il-pubblikazzjoni ta' dan il-fuljett għall-prezz ta' €50. |
| 10.3.6 | Is-Sindku informa lil kunsilliera u l-Viċi Sindku dwar ir-responsabiltajiet il-ġodda permezz ta' imel fl-20 ta' Jannar 2020<br><br>Clive Pulis - Sindku - Indafa, Infrastruttura, Proġetti, Anzjani, Sigurta fil-lokalita' u Midja<br><br>Anthony Bonavia - Viċi Sindku - Żgħażagħ u tfal tal-lokal, Sports u Attivitajiet Fiżiċi, Ħarsien tal-annimali, Ambjent, Negozji korp tal-ilma u enerġija<br><br>Joline Attard - Kunsilliera - Komunitajiet, Qasam Soċjali, Ġemelaġġi, Persuni vulnerabli<br><br>Malcolm Gatt - Kunsillier - Wirt Storiku Senglean, Innovazzjoni<br><br>Corinne Buahagiar - Kunsilliera - Edukazzjoni, Kultura, Integrazzjoni Soċjali ( Foreign Residents), Fondi Ewropej u Turiżmu |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsilliera u l-viċi sindku qablu dwar dan. |
| 10.3.7 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar laqgħa li kellha is-Sinj. Corinne Buhagiar mas-Sur Tom Tom Frank minn Cottonera Expects fejn infurmha li ħa jkun qiegħed jagħmel intervista fuq TVM fuq il-grupp ta' barranin li jieħdu sehem f'dan il-grupp. Jixtieq isemmi l-Kunsill Lokali bħala wieħed mill-Kunsilli li jikkollaboraw ma 'dan il-grupp. Il-Kunsilliera qablu ma dan |
| 10.3.8 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar laqgħa fejn hu u s-segretarju eżekuttiv fil- 15 ta Jannar 2020 marru l-bank HSBC sabiex jingħalaq il-kont għaliex qed ikun hemm charges kull xahar u mhux vijabli gaħliex il-kont kien ta' €505.33c biss. |
| 10.3.9 | Is-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti b'imejl li irċiviet minn għand is-Sur Andrew Haig dwar referenza għat-talba għal U Bar quddiem ir-residenza, 112 Triq San Ġużepp, L-Isla, fejn hemm miktub dan:<br><br>*jiddispjacini ninfurmak li din it-talba ma tistax tiġi milqugħha peress li U Bar hija meqjusa bħala ostaklu. Apparti minn hekk, il-wisa' tat-triq ma tippermettix li jsir parkeġġ, jekk ma tkunx ostakulata l-bankina b'ditrement għan- nies li jkunu miexja.*<br><br>*Huwa suġġerit li l-linji doppji sofor jiġu estiżi biex ikopru wkoll ir-residenza msemmija.* |

| | |
|---|---|
| 10.3.10 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar attivita tal-Karnival li ser tiġi organiżżata minn Leon Productions – Noel Castillo fejn bagħat programm ta' l-attivita għal ħlas globali ta' €915.<br>F'kaz ta' kanċellament totali ta' l-attivita minħabba maltemp, ser ikunu qed jitolbu ħlas ta' €120 bħala spejjez ta' amministrazzjoni. Il-Kunsilliera qablu dwar din l-attivita'. |
| 10.03.11 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar ix-xogħol li qed tagħmel Petia Zacheva flimkien mas-segretarju eżekuttiv fejn qed jaħdmu fuq proġett ( Daily News Because every Story Matters) fuq kultura u arti sabiex jiksbu fondi mill unjoni ewropeja bi sħab mal-Croatia ( Lepoglava ) fejn is-Sibt 18 ta Jannar 2020 iltqajna mal-viċi sindku tal-Croatia fejn xtaq li jiltaqa mas-sindku u l-kunsillier responsabli mil-kultura u Serbia - Bella Palanka. Il-viċi Sindku ta' Lepoglava spjegalna kif l-arti taqgħad il-pajjiżi flimkien. Huma magħrufin għal-Bizzila bħal Malta u din l-arti hija rikonoxuta mill-UNESCO. Huma jagħmlu festival f'Settembru fejn jistiednu pajjiżi oħra sabiex jesebbixu x-xogħol tagħhom. |
| 10.03.12 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet imejl datata 22.01.2020 dwar permess numru PA /09325 /18 intbgħatet lil kunsilliera kollha dwar applikazzjoni għall permess f' 206 & 64 Triq iż-Żewg Mini c/w Triq Sant Anġlu din l-applikazzjoni ġiet postposta għas-smiegħ għad-19 ta' Frar 2020– *Development to include four residential units*. |
| 10.03.13 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar stima tal-Fanal għat taraġ tal-ponta fejn il-mina tal-ground mingħand in-nexos għall-prezz ta' €1020, is-sindku staqsa jekk jaqblux li dan għandu jsir, il-kunsilliera preżenti qablu ma din l-istima. |

| | |
|---|---|
| 10.03.14 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti il-laqgħat li mar flimkien mas-segretarju eżekuttiv fit-22.01.2020<br><br>- Laqgħa mal-Lesa dwar Cameras tal-Pjazza 4 ta Settembru sabiex tinħareġ tender li ser jieħu ħsiebha Svetlick Flores<br>-Laqgħa ma Sinj. Nadine mit-*Twenty 13 Productions Ltd* fejn ser jinġibed parti minn *TV Series ' The Window '* li ser jinħadem tlett partijiet minnu hawn Malta, dan huwa produzzjoni Finlandiża u għandu 8 episodi fejn għażlu l-Isla bħala lokalita' minnhom, dawn ser jaħdmu il-Ħamis fis-6 ta' Frar 2020 fi Pjazza Don Mauro Inguanez għalhekk ikollhom bżonn Parking Spaces minn ġurnata qabel u fl-14 ta' Frar 2020 fi Triq il-Vitorja, dawn ser ikollhom bżonn parkeġġ għat trakkijiet tagħhom u għalhekk ser joffru €250 bħala donazzjoni. Is-Sindku spjegalhom li ser ikun hemm xogħol għaddej fi Triq il-Kunċizzjoni iżda mhux ser itellifhom apparti għal xi *shooting* li ser jaraw li jinħadem meta ma jkunx hemm storbju minnħabba s-*sound*. Ser jaħdmu parti fi Triq il-Vitorja fejn il-kunvent ta San Filippu għalhekk ikollhom bżonn parkeġġi fi Pjazza Francesco Zahra ser jinħareġ avviż fuq il-gazetta tal-gvern u huma ser javżaw l-Puluzija wkoll.<br><br>- Laqgħa ma *Producer* tal-films mill-Belgium fejn dan ser jaħdem fi Triq San Franġisk bejn 11 u 12 ta Frar 2020, dawn ser javżaw il-Puluzija u inġibu l-avviż fuq il-gazetta tal-gvern. Qed jitolbu sabiex ikollhom parking fejn il-grawnd tal-futbol u ser jagħtu €250 donazzjoni.<br><br>Għalhekk fil-lokalita tal-Isla mill-5 – 14 ta' Frar 2020 ser ikunu għaddejin *filmings* ġewwa l-Isla min żewġ produzzjonijiet. |
| 10.3.15 | Is-Sindku , flimkien mas-segretarju eżekuttiv u sinj. Petia Zasheva għamlu talba sabiex jiltaqgħu mal-konsulent tal-Kroazja sabiex ikunu jistgħu jagħmlu ftehim biex iż-żewġ lokalitajiet jaħdmu flimkien. Dott. Ferrante flimkien ma Sur. Farrugia is-segretarju laqgħu t-talba tas-sindku għalhekk ser jiltaqgħu magħha fil-11 ta Frar 2020 fin-12.30 fl-ambaxxata tal-Kroazja ġewwa l-Belt Valletta. |

| | |
|---|---|
| 10.3.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti li Dar Sant Anna qed titlob il-kunsill sabiex jgħin b'xi avviż dwar volontarjat għal Child Care f' Dar Sant Anna, din id-dar issa m'għadiex dar tal-anzjani iżda qed tilqa' tfajliet u nisa li għandhom bżonn kenn u saqaf fuq rashom. Il-Kunsilliera ma qablux dwar dan. |
| 10.3.17 | Is-Sindku u Seg Eżekuttiv marru jaraw għamara minn għand l-Index Furniture għall-uffiċċju tas-Sindku u tas-Segretarju fejn il-kwotazzjoni tal-uffiċċju tas-sindku hija ta €1100, kwotazzjoni oħra għall għamara tas-sindku kienet ta €2900 minn għand Gouder.<br><br>Ser jinxtara sufan għar-*reception area* €280, is-Sindku u s-segretarju eżekuttiv raw ukoll l-għamara għall-uffiċċju tas-segretarju fejn hemm *cupboards* li jingħalqu sabiex il-files ma jkunux jidhru, desk, u mejda li dawn ser jammontaw madwar €2265. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet ukoll li jekk aktar tard fl-aħħar tas-sena jkunu jridu jbiddlu l-għamara tal-*Front Office* jibqax *in stock* mill-istess għamara sabiex jikumpliment ma l-għamara l-oħra. Il-Kunsilliera qablu ma dan it-tibdil ta' għamara fl-uffiċċini tal-kunsill, għalhekk is-segretarju eżekuttiv trid tinforma lil accountant sabiex l-għamara ta' l-uffiċċini tineħħa mir-reġistru ta' l-Assi u titniżżel il-ġdida. |
| 10.3.18 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil-kunsilliera preżenti li fis-27.01.2020 flimkien mas-sindku bagħatu pagament lil AKL dwar assigurazzjoni fuq il-flus tal-kunsill kif ukoll pagament fuq polza tal-assigurazzjoni għas-saħħa tal-kunsilliera, ħaddiema u dipendenti.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qed tressaq it-talba għat-tiġdid tal-assigurazzjoni fuq assi tal-kunsill u sigurta fit-toroq tal-lokalita li kella *claims* mal-*Insurance Brokers Citadell*. Din is-sena l-kunsill qed jistenna li jiġi rifondut għad-danni li kellu fil-librerija. Il-Kunsilliera qablu li jerġgħu jagħmlu l-assigurazzjoni ma din il-kumpanija. |
| 10.3.19 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li l-accountat bagħtet il-kwotazzjoni ta €350 fix-xahar mingħajr VAT f'isem Accounts Management sabiex tieħu ħsieb l-accounts tal-kunsill, waqt li is-Sur |

| | |
|---|---|
| | Arthur Perici jieħu ħsieb l-iskeda ta' pagamenti għal €1200 plus VAT fis-sena. Il-Kunsill qablu dwar dawn il-kwotazzjonijiet. |
| 10.3.20 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet il-proposta tal-kunsilliera Corinne Buhagiar fejn avviċinat il-kunsill sabiex tinbidel is-sit eletroniku tal-kunsill għaliex mhux qeda tiġi updated għalhekk is-segretarju eżekuttiv staqsiet sabiex jaraw jekk jistgħux jibdlu is-service provider sabiex meta jasal il-pagament ma jitħallasx, il-kunsilliera qablu li jaraw li l-website għandha tiġi aġġornata. |
| 10.3.21 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat mal-kunsilliera preżenti dwar talba minn għand is-Sur Damon fejn dan qed jitlob permess biex juża l-Belvederre sabiex jorganiżża ikla privata għal mhux aktar minn erba' minn nies, fejn ser iġib il-bżonijiet kollha huwa u jnaddaf wara. Din l-okażżjoni m'għandhiex iddum sa mhux aktar minn erba' sigħat. Il-Kunsill qabel dwar dan sakemm ma jkunx hemm storbju u jitnaddaf u jħalli kollox kif kien. |
| 10.3.22 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet ilment minn għand Is-Sur Manuel Dalli fejn ġibed l-attenzjoni tal-kunsill fuq *sleeping police* li hemm fi-triq iż-Żewg Mini. Jidher li din qed tagħmel ħafna ħoss u talab biex il-Kunsill iċaqlaqha minn dak il-post. Il-Kunsilliera ikkumnetaw li dawn saru bil-permess tat-Transport Malta. |
| 10.3.23 | Is-Sindku informa li l-perit tal-kunsill informa lill kunsill li sabiex tiġi irranġata in-niċċa irrid ikun hemm perit li jkun intiż fuq il-*heritage*, għalhekk dan ir-rapport irrid issir minn dan il-perit li ma tantx hawn li qed joffru dan is-servizz. |
| **10.4** | **Jum L-Isla** |
| | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li għal Jum L-Isla jixtieq li jsir bord sabiex id-deċiżjoni ta' min jieħu Ġieħ L-Isla tkun f'idejn il-bord u jingħata Ġieh L-Isla biss u ma jkunx hemm rikonoximenti. Għall Jum L-Isla semma wkoll sabiex ikun hemm grupp li jagħmel kunċert. Is-Sur Malcolm issuġġerixa li jġibu band minn Zarasai fejn il-Kunsill tal-Isla kien mistieden għall-festival tagħhom. Il-Kunsilliera Joline Attard |

| | |
|---|---|
| | u l-viċi sindku s-Sur Anthony Bonavia qablu li tintalab kwotazzjoni sabiex il-kunsill ikun jista jara l-pożizzjoni finanzjarja tal-kunsill. |
| **10.5** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 10.05 | Jien Anthony Bonavia nixtieq illi fis-seduta nru 10 li ser tinżamm nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2019 ningħata risposta għas- segwenti mistoqsijiet-<br>1. Tista tgħidli fil-lagħqa li gejja kif bqajna fuq il pjazza 4 ta September<br><br>Qegħdin b kuntatt mad-dipartiment tal-kunsill lokali għal direct order.<br><br>2. Tista tgħidli kif ha jibqgħa l-ħaxix tal gardjola ?<br><br>Lejn l-aħħar ta' Frar ser jibda ix-xogħol mil-kuntrattur Zammit Nursery b fondi tad-dipartiment li l- kunsill applika biex jieħu.<br>3. Tista tgħidli għala t-*telephone box* għada ma ċaqilqetx min fejn l-għassa ?<br><br>Il-kunsill kien bagħat biex titneħħa pero irrid ikun hemm żewġ *telephone box* f' kull lokalita. Meta jibda xogħol tal-pjazza naraw dwara.<br><br>4. Nistgħu nirranġaw il-ħamrija tat- Terrace ?<br>Ħa nieħdhu nota mal-ELC biex jara x'hemm bżonn isir.<br><br>5. Ħa nixtru *Dustbins* tal-klieb ?<br>– Ordnati ukoll<br><br>6. Għala tal- AUM qalu li hemm tagħhom iffisser li mhux ħa jħallu lil ħadd jgħaddi mix- xatt ? U x'ser nagħmlu dwarha ? |

| | |
|---|---|
| | Dwar is-suġġaett tal-Aum bahat ittra b l-avukat<br><br>7. Meta ser jeħlu l-cameras ?<br>liema cameras ? |
| **10.6** | **Rapporti** |
| 10.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda ir-rapport finanzjarju għar-raba' kwart 2019 għal-approvazzjoni tal-Kunsill, is-Sur Anthony Bonavia ippropona u s-Sur Malcolm Gatt issekondah. |
| 10.6.2 | l-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport tal-*Purchase Order* għax-xahar ta' Diċembru 2019 kif ukoll rapport tal-*Petty Cash* ta' Diċembru 2019 fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mis-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **10.7** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 10.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti, skeda Nru 1/2020 għall-approvazzjoni. |
| 10.7.2 | Fuq mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Anthony Bonavia issekondata mill-kunsilliera is-Sur Malcolm Gatt approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **10.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| **10.07.1** | Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 25 ta' Frar 2020 fil-5:30p.m. |

Konfermati, illum 25 ta' Frar 2020

**IFFIRMAT____**
Clive Pulis
Sindku

**_IFFIRMAT_____**
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv